KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 25.1.2006
KUMM(2006) 26 finali

# KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## Programm tematiku għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-kenn politiku

MT MT

**WERREJ**

1. Daħla ... 3
2. Il-kuntest ... 3
2.1. L-analiżi tat-tema ... 3
2.2. Il-qafas politiku eżistenti ... 4
2.3. L-interventi ffinanzjati fl-imgħoddi u l-esperjenza miksuba ... 5
2.4. Ir-raġunijiet għal metodu tematiku ... 7
3. Il-programm tematiku futur ... 8
3.1. L-oġġettiv ġenerali u l-ambitu ... 8
3.2. Il-linji ta' gwida strateġiċi ... 9
3.2.1. It-trawwim tar-rabtiet bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp ... 10
3.2.2. Il-promozzjoni ta' ġestjoni tajba tal-migrazzjoni tax-xogħol ... 11
3.2.3. Il-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali u t-tħaffif ta' l-ammissjoni mill-ġdid ta' l-immigranti illegali ... 12
3.2.4. Il-ħarsien tal-migranti mill-isfruttament u mill-esklużjoni ... 13
3.2.5. L-inkoraġġiment tal-kenn politiku u tal-ħarsien internazzjonali tar-refuġjati ... 13
3.3. Il-prinċipji ta' l-ipprogrammar u ta' l-implimentazzjoni ... 14

## 1. DAĦLA

Bl-għan li jiġi razzjonalizzat u ssemplifikat il-qafas leġiżlattiv korrenti li jirregola l-azzjonijiet esterni tal-Komunità, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet sett ġdid ta' sitt strumenti taħt il-Perspettivi Finanzjarji mill-2007 sa l-2013. Tliet strumenti (l-għajnuna umanitarja, l-istabbiltà u l-assistenza makro-finanzjarja) huma ta' natura orizzontali sabiex jirrispondu għal ħtiġijiet u ċirkostanzi partikolari. Tliet strumenti (l-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni, l-appoġġ lill-viċinat Ewropew u l-kooperazzjoni ta' l-iżvilupp u dik ekonomika) huma mfassla sabiex jimplimentaw politika partikolari u għandhom kopertura ġeografika definita. Fil-ġejjieni, dawn l-istrumenti se jipprovdu atti leġiżlattivi bażiċi għan-nefqiet tal-Komunità b'appoġġ għall-programmi esterni ta' kooperazzjoni, fosthom il-programmi tematiċi, u se jieħdu post ir-regolamenti tematiċi eżistenti.

Skond dawn il-proposti, il-programmi tematiċi jipprovdu valur miżjud distintiv u jinkludu attivitajiet li jikkomplementaw il-programmi ġeografiċi, li jibqgħu l-qafas privileġġjat għall-kooperazzjoni Komunitarja mal-pajjiżi terzi.[1]Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tidħol f'diskussjonijiet mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill dwar l-ambitu, l-oġġettivi u l-prijoritajiet għal kull programm tematiku fuq il-bażi ta' komunikazzjonijiet formali liż-żewġ Istituzzjonijiet. Ir-riżultat ta' dan il-proċess se jipprovdi l-orjentazzjonijiet politiċi għall-istadji ta' wara ta' l-ipprogrammar, l-aktar id-dokumenti ta' l-istrateġija tematika li għandhom jiġu kkompilati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-istrumenti li ssemmew aktar 'il fuq.

L-għan ta' din il-Komunikazzjoni huwa li jkunu proposti l-karatteristiċi ta' programm tematiku għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma talmigrazzjoni u l-kenn politiku.

## 2. IL-KUNTEST

### 2.1. L-analiżi tat-tema

Il-migrazzjoni tinsab fil-qalba tad-dibattitu politiku fl-Ewropa u hija waħda mill-prijoritajiet strateġiċi fir-relazzonijiet eserni ta' l-Unjoni. Wara li ilha għal aktar minn żewġ sekli reġjun ta' emigrazzjoni, l-Ewropa issa saret waħda mid-destinazzjonijiet ewlenin għall-migrazzjonijiet internazzjonali. L-iżbilanċi bejn, fuq naħa waħda, Stati Ewropej sinjuri, demokratiċi u stabbli fejn il-popolazzjoni qed tixjieħ, u fuq in-naħa l-oħra, Stati ifqar u inqas stabbli b'popolazzjonijiet żgħażagħ u li qed jikbru b'rata mgħaġġla, jispjegaw dan l-iżvilupp li huwa mistenni li jkompli fis-snin li ġejjin.

Is-sitwazzjoni preżenti tal-migrazzjoni hija mmarkata biż-żjieda fin-numru assolut tal-migranti, inkluż fin-numru ta' nisa, it-tkattir tat-tipi ta' migrazzjoni, iż-żjieda fit-traffiku tal-bnedmin, it-tkabbir tat-tixrid ta' popli f'pajjiżi li mhumiex ta' l-oriġini, l-isfidi ta' integrazzjoni għall-migranti u għall-pajjiżi ospitanti, it-tisħiħ tar-rabtiet ma' persuni li baqgħu fil-pajjiż ta' l-oriġini, id-diversifikazzjoni tad-destinazzjonijiet u ta' l-oriġini, u t-tkattir tar-rotot tal-migrazzjoni. Il-pressjoni migratorja fl-Ewropa u fil-pajjizi industrijalizzati oħra qiegħda dejjem aktar tiżdied fil-piż tagħha, filwaqt li l-migrazzjoni Nofsinhar/Nofsinhar tifforma fenomenu importanti (u tenfasizza l-importanza li jitqiesu wkoll il-migrazzjoni Nofsinhar/Nofsinhar u l-fatturi relatati). F'uħud mill-każi, il-pajjiżi li sa ftit ilu kienu biss

[1] Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar "Azzjonijiet Esterni permezz ta' Programmi Tematiċi taħt il-Perspettivi Finanzjarji tal-Futur ta' l-2007-2013" [COM(2005) 324 finali] tat-3 ta' Awissu 2005.

pajjiżi ta' oriġini u/jew ta' tranżitu, issa saru wkoll pajjiżi ta' tranżitu jew pajjiżi ospitanti, eż. ċerti pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant u l-pajjiżi ta' l-Afrika ta' Fuq. Madanakollu, dawn il-pajjiżi mhumiex dejjem mgħammra u l-infrastruttura u l-istaff li jieħu ħsieb il-ġestjoni ta' l-migrazzjoni mhumiex dejjem adegwati biex ilaħħqu ma' dawn is-sitwazzjonijiet. Fl-istess ħin, il-persuni li qed jippjanaw li jemigraw jeħtieġu pariri u għajnuna prattika, filwaqt li dawk li jirritornaw lura lejn il-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom f'ħafna każi jistgħu jeħtieġu appoġġ għall-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom.

F'dan il-kuntest, u għalkemm mhux possibbli li jingħataw stimi ta' min jistrieħ fuqhom, l-immigrazzjoni illegali hija fenomenu li kulma jmur qiegħed dejjem jinfirex. Filwaqt li parti importanti tal-migranti illegali jaħdmu fl-ekonomiji u fis-swieq tax-xogħol Ewropej, l-immigrazzjoni illegali, li parti minnha hija riżultat ta' kutrabandu u traffiku tal-bnedmin, hija wkoll sors ta' diversi problemi. Il-pajjiżi tad-destinazzjoni, fosthom il-pajjiżi kollha ta' l-Unjoni Ewropea, qed jiżviluppaw politika speċifika sabiex jiġġieldu l-immigrazzjoni illegali, filwaqt li fl-istess ħin jagħmlu l-politika tagħhom aktar koerenti sabiex jamministraw il-migrazzjoni u sabiex jippromwovu d-dimensjonjiet soċjali u ta' l-iżvilupp tagħha. Madanakollu, sabiex din il-politika tkun effettiva u effiċjenti, teħtieġ il-kooperazzjoni tal-pajjiżi terzi ta' l-oriġini u tat-tranżitu.

Il-migrazzjoni hija wkoll parti mill-proċess ta' modernizzazzjoni tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u bħalissa għaddej dibattitu intensiv dwar kif il-migrazzjoni tista' tikkontribwixxi aktar għall-iżvilupp. Fi ħdan il-qafas ta' dawn ir-riflessjonijiet, kwistjoni primarja hija l-potenzjal fit-trasferiment tal-flus tal-migranti u, b'mod partikolari, kif jitnaqqsu l-ispejjeż tat-trasferiment tal-flus mibgħuta mill-ħaddiema migranti u sabiex jiġu eżaminati modi ta' kif jista' jitħeġġeġ l-investiment orjentat lejn l-iżvilupp. Għalkemm il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jistgħu jaraw il-benefiċċji mill-emigrazzjoni taċ-ċittadini b'ħiliet ta' livell baxx l-emigrazzjoni ta' ħaddiema b'ħiliet ta' livell medju u b'ħiliet ta' livell għoli tista' tfisser telf ta' riżorsi umani. Ir-riċerka għal miżuri sabiex tkun indirizzata l-problema tat-"telf ta' l-aħjar imħuħ" u sabiex tkun imħeġġa ċ-ċirkolazzjoni ta' l-imħuħ minflokha, tikkostitwixxi linja ta' żvilupp oħra fejn għandhom x'jaqsmu d-diskussjonijiet dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp. Fl-aħħarnett, qed tingħata attenzjoni wkoll sabiex titħeġġeġ il-kontribuzzjoni mit-tixrid tal-popli f'pajjiżi oħra għall-iżvilupp tal-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom.

Kuntrarju għall-migrazzjoni ekonomika jew għall-migrazzjoni minħabba raġunijiet ta' familja, il-migrazzjoni minħabba kunflitt u nuqqas ta' sigurtà normalment hija ta' natura aktar ċiklika. It-tluq tal-massa ta' spiss huwa segwit minn ritorn tal-massa ladarba titjieb is-sitwazzjoni tas-sigurtà. Din it-tip ta' migrazzjoni furzata tiġġenera refuġjati li jiċċaqilqu għal reġjunijiet fil-qrib fejn jista' jinsab ħarsien jew kenn immedjat. Ir-refuġjati jistgħu jagħmlu pressjoni fuq l-istrutturi politiċi, ekonomiċi u soċjali tal-pajjiżi ospitanti, li mhux dejjem ikollhom l-infrastruttura u l-mezzi leġiżlattivi u amministrattivi sabiex ilaħħqu magħhom. Sitwazzjonijiet ta' refuġjati li jiġbdu fit-tul jistgħu jżidu l-pressjoni fuq ir-riżorsi ekonomiċi u ambjentali u xi drabi jistgħu joħolqu tensjonijiet, kif ukoll jiġġeneraw movimenti sekondarji.

Dawn l-iżviluppi kollha jaffetwaw ir-relazzjonijiet bilaterali u reġjonali ta' l-Unjoni Ewropea mal-pajjiżi terzi.

## 2.2. Il-qafas politiku eżistenti

It-Trattat ta' Amsterdam ħoloq il-bażijiet legali għal politika Komunitarja dwar l-immigrazzjoni u l-kenn politiku. L-għanijiet ta' din il-politika, kif stabbiliti mit-Trattat, kienu kkonkretizzati mill-Kunsill Ewropew ta' Tampere (Ottubru 1999) u, wara li kienu żviluppati

aktar permezz ta' Kunsilli Ewropej suċċessivi, ġew eżaminati mill-ġdid mill-Kunsill Ewropew ta' l-Aja (Novembru 2004). Jikkonċernaw il-ġestjoni tal-flussi migratorji, it-twaqqif ta' reġim komuni ta' kenn politiku, it-trattament ekwu taċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi u s-sħubija mal-pajjiżi terzi fi ħdan metodu ġenerali, koerenti u bilanċjat. Fejn għandha x'taqsam il-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi, il-Programm ta' l-Aja ddikkjara b'mod partikolari li "l-UE għandha timmira biex tgħin lill-pajjiżi terzi, fi sħubija sħiħa, billi tuża fondi Komunitarji eżistenti fejn ikun xieraq, fl-isforzi tagħhom sabiex itejbu l-kapaċità tagħhom għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u għall-ħarsien tar-refuġjati, jipprevjenu u jiġġieldu l-immigrazzjoni illegali, jinformaw dwar il-kanali legali għall-migrazzjoni, isolvu s-sitwazzjonijiet tar-refuġjati billi jipprovdu aċċess aħjar għal soluzzjonijiet dewwiema, jibnu l-kapaċità għall-kontroll tal-fruntieri, itejbu s-sigurtà tad-dokumenti u jieħdu ħsieb il-problema tar-ritorn"[2].

Il-Kummissjoni rrispondiet għal dawn is-sejħiet billi inkorporat il-kwistjonijiet li huma relatati mal-migrazzjoni u mal-kenn politiku fid-djalogi politiċi tagħha mal-pajjiżi terzi u billi inkludiet dawn il-kwistjonijiet fl-istrateġiji ta' kooperazzjoni tagħha. Dan kien jinkludi wkoll il-proposta ta' strateġiji komprensivi kif kien il-każ dan l-aħħar permezz tal-ħruġ tal-Komunikazzjoni tat-30 ta' Novembru 2005 dwar Azzjonijiet Prijoritarji bħala Rispons għall-Isfidi tal-Migrazzjoni: L-ewwel Segwitu wara Hampton Court[3].

Barra minn hekk, fl-2003, il-Kummissjoni ipproponiet strument speċifiku ġdid, il-programm AENEAS[4] (artikolu tal-baġit 19 02 03), li huwa maħsub li jkun is-suċċessur ta' l-azzjonijiet preparatorji ffinanzjati mill-intestatura tal-baġit B7-667 bejn l-2001 u l-2003, sabiex il-pajjiżi terzi jingħataw għajnuna fl-isforzi tagħhom għal ġestjoni aħjar tal-flussi migratorji. Dan l-istrument, li kien adottat permezz ta' proċedura ta' ko-deċiżjoni fl-2004, inħoloq sabiex ikopri l-perjodu 2004-2008 u kien mogħni b'baġit ta' € 250 miljun[5]. Minħabba l-konklużjoni, fi tmiem l-2006, tal-qafas finanzjarju korrenti ta' l-UE[6], id-dewma tal-Programm AENEAS issa qed titqassar għal tliet snin u għandu jinħoloq programm tematiku ġdid, is-suġġett ta' dan id-dokument, li fost l-oħrajn se jkompli l-attivitajiet ta' l-AENEAS fi ħdan il-qafas tal-Perspettivi Finanzjarji għall-2007–2013.

## 2.3. L-interventi ffinanzjati fl-imgħoddi u l-esperjenza miksuba

### *a) L-interventi fi ħdan il-qafas ta' l-istrumenti ġeografiċi*

Anki jekk il-programm tematiku l-ġdid dwar il-migrazzjoni mhux se jkopri l-pajjiżi li qed jistennew l-adeżjoni, huwa rilevanti li wieħed jinnota li l-migrazzjoni, il-kenn politiku, il-kontroll tal-fruntieri u l-kwistjonijiet tal-viża ngħataw (u se jibqgħu jingħataw) attenzjoni mill-qrib fi ħdan il-qafas tat-Tkabbir. Bejn l-1997 u l-2003, intefaq ammont totali ta' € 413.3 miljun għal diversi proġetti f'dawn l-oqsma taħt il-programmi nazzjonali PHARE għall-għaxar pajjiżi applikanti. Numru kbir ta' dawn il-proġetti kienu jikkonsistu f'"ġemellaġġi" li

---

2 14292/1/04 REV 1, il-Konklużjonijiet tal-Presidenza – Brussell 8 ta' Diċembru 2004 Kap. 1.6.1.

3 COM(2005)621.

4 L-isem "Aeneas" ittieħed mill-eroj ta' l-Aeneid ta' Virġilju.

5 € 30 miljun għall-2004, € 45 miljun għall-2005, € 45 miljun għall-2006, € 60 miljun għall-2007 u € 70 miljun għall-2008 (distribuzzjoni annwali indikattiva).

6 Dan jispjega wkoll għaliex il-verżjoni Riveduta għall-2006 tad-dokument ta' referenza tal-Programm AENEAS għall-2004-2006, li kellu jippjana l-attivitajiet ta' dan ta' l-aħħar għas-snin tal-baġit 2007-8, u kien inkluż (il-punt 2.7. (b) fil-Pjan ta' Azzjoni li jimplimenta l-Programm ta' l-Aja li kien approvat mill-Kunsill fl-10 ta' Ġunju 2005, mhux se titwettaq aktar.

wasslu biex jiġu provduti esperti mill-Istati Membri lill-amministrazzjonijiet tal-pajjiżi applikanti.

Jekk wieħed jirreferi għall-istrumenti ġeografiċi bħat-TACIS u bħall-MEDA, madwar € 450 miljun kienu pprogrammati għall-perjodu 2002-2006, sabiex ikunu ffinanzjati azzjonijiet li huma relatati direttament mal-migrazzjoni, prinċipalment fil-Balkani, fil-Mediterran u fil-Lvant ta' l-Ewropa. L-oqsma ewlenija ta' intervent kienu jikkonċernaw it-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali, it-titjib tal-kontroll tal-fruntieri, il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffiku tal-bnedmin, ir-ritorn u l-integrazzjoni mill-ġdid tar-refuġjati u tal-persuni mċaqilqa minn post għall-ieħor, it-titjib tal-politika ta' l-ilqugħ u tal-faċilitajiet għal dawk li japplikaw għal kenn politiku u għar-refuġjati.

Għall-Asja, għall-Amerika Latina u għall-Afrika 'l isfel mis-Saħara, in-natura ta' l-operazzjonijiet li kienu ffinanzjati s'issa kienet relatata aktar mill-qrib mar-refuġjati u mal-persuni mċaqilqa minn post għall-ieħor milli mal-politika tal-migrazzjoni nfisha.

*b) L-interventi taħt l-azzjonijiet preparatorji għall-2001-2003*

L-intestatura tal-baġit B7-667 inħolqot fl-2001, sabiex tippermetti l-adozzjoni ta' azzjonijiet preparatorji fil-qasam tal-migrazzjoni u l-kenn politiku. Tħalla ammont totali ta' € 10 miljuni għall-ewwel sena tagħha. Dan l-ammont ġie miżjud għal € 12.5 miljun fl-2002 biex laħaq € 20 miljun fl-2003, jiġifieri total ta' € 42.5 miljun. Matul dawn it-tliet snin, kienu ko-finanzjati 49 operazzjoni (għal ammont li ta' spiss kien inqas minn € 1 miljun).

Il-ġestjoni tal-flussi migratorji, il-prevenzjoni ta' l-immigrazzjoni illegali, l-integrazzjoni mill-ġdid tal-migranti fil-pajjiżi ta' l-oriġini, ir-rabta bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp, u l-ħarsien internazzjonali kienu l-oqsma ewlenija ta' intervent. Mil-lat ġeografiku, l-azzjonijiet twettqu primarjament fil-Balkani (għall-ewwel fl-Albanija), fil-Lvant ta' l-Ewropa (b'mod partikolari fl-Ukrajna u fir-Russja), fil-pajjiżi tal-Mediterran (il-Marokk, it-Tuneżija, it-Turkija) u fl-Asja (primarjament fl-Afganistan u fis-Sri Lanka).

L-operazzjonijiet li kienu ffinanzjati taħt l-intestatura tal-baġit B7-667 ikkontribwew sabiex tkun żgurata viżibilità akbar ta' l-azzjoni esterna tal-Komunità fil-qasam tal-migrazzjoni fost l-Istati Membri, l-amministrazzjonijiet ta' ċerti pajjiżi terzi, kif ukoll fi ħdan ċerti organizzazzjonijiet internazzjonali speċjalizzati u numru dejjem jiżded ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi. Madanakollu, minħabba l-metodu ġdid u l-iżvilupp relattivament awtonomu tagħha meta mqabbla mal-bqija ta' l-għajnuna esterna Komunitarja, l-azzjoni skond l-intestatura tal-baġit B7-667 xi drabi wasslet għall-finanzjament ta' operazzjonijiet li kienu iżolati mill-ipprogrammar eżistenti.

Madanakollu, in-numru dejjem jikber tar-risposti għas-sejħiet għal proposti ma jħalli l-ebda dubju dwar l-interess dejjem jikber f'dan l-istrument. Is-sħab iddiversifikaw ukoll, għalkemm dan l-aspett għandu lok fejn jittejjeb.

*c) L-interventi taħt il-programm AENEAS*

Fih innifsu, il-programm AENEAS huwa rispons għad-dgħufijiet li ġew identifikati taħt l-azzjonijiet preparatorji. F'dan il-kuntest, l-aktar aspetti innovattivi tabilħaqq kienu li ġie elaborat dokument ta' l-ipprogrammar, u b'hekk ġew identifikati b'mod indikattiv il-prijoritajiet maħsuba għall-interventi matul l-ewwel tliet snin tal-Programm (2004-2006). Dan id-dokument li ġie abbozzat, billi tqiesu d-dokumenti ta' strateġija nazzjonali u reġjonali u l-

programmi indikattivi, jikkontribwixxi għat-titjib fil-konsistenza bejn il-metodi li ġew żviluppati kemm mill-istrumenti ġeografiċi kif ukoll minn dawk tematiċi.

Għadu qabel il-waqt wisq biex il-Programm AENEAS ikun ivvalutat b'mod konkluživ, ladarba d-deċiżjonijiet tal-finanzjament għall-proposti magħżula wara l-ewwel sejħa għall-proposti ta' l-2004 għadhom kif ġew iffinalizzati[7], filwaqt li għadha kemm tnediet is-sejħa l-ġdida għall-proposti għall-implimentazzjoni tal-programm annwali tax-xogħol għall-2005[8] u l-programm annwali tax-xogħol għall-2006 għadu qed jitħejja.

L-uniku punt li jista' jsir f'dan l-istadju huwa li l-Programm AENEAS ġibed parteċipazzjoni akbar (għalkemm għadha limitata) min-naħa ta' organizzazzjonijiet governattivi u mhux governattivi minn pajjiżi terzi u mill-Istati Membri ta' l-UE. Dan l-iżvilupp, li ġej fost l-oħrajn minn publiċità akbar għas-sejħiet għall-proposti, jista' biss jinlaqa' tajjeb.

### 2.4. Ir-raġunijiet għal metodu tematiku

Il-metodu tematiku huwa ġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi pprovdut qafas Komunitarju orizzontali sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-atturi ta' l-UE, il-pajjiżi terzi u l-atturi internazzjonali li huma konċernati mill-fenomenu tal-migrazzjoni, sabiex jitħeġġeġ fehim akbar ta' l-isfidi u sabiex ikun hemm kontribuzzjoni għat-tfittxija ta' soluzzjonijiet ibbilanċjati u reċiprokament sodisfaċenti.

Jirrispondi wkoll għall-ħtieġa li l-kwistjonijiet dwar il-migrazzjoni u l-kenn politiku jiġu integrati fil-politika Komunitarja ta' kooperazzjoni u żvilupp, filwaqt li fl-istess ħin, jista' jikkontribwixxi biex ikun hemm qbil aħjar ma' l-interessi tal-Komunità stess fl-oqsma konċernati, filwaqt li jkun hemm risposta għas-sejħa għal aktar koerenza tal-politika.

Il-metodu tematiku huwa t-tweġiba għax-xewqa tal-Kummissjoni li tiżgura viżibilità akbar għall-kontribuzzjoni li ssir mill-politika esterna Komunitarja għall-kwistjonijiet tal-migrazzjoni u jista' jiffaċilita l-ħolqien ta' sinerġiji bejn il-metodi Komunitarji u dawk ta' l-Istati Membri f'dan il-qasam.

Għandu jikkontribwxxi wkoll għal aktar flessibilità sabiex l-ambjenti li jinbidlu malajr u t-tendenzi migratorji ġodda jirċievu rispons effettiv u f'waqtu.

Fl-aħħarnett, il-metodu tematiku huwa r-risposta għall-ħtieġa ta' metodi divrenzjati li jassoċjaw il-pajjiżi kollha li jinsabu tul l-istess rotta migratorja jew il-pajjiżi li jiffaċċjaw sfidi simili fil-qasam tal-migrazzjoni u l-kenn politiku.

---

7 26 proġett fl-Afrika ta' Fuq, fil-Balkani, fil-Lvant ta' l-Ewropa, fin-Nofsinhar u fil-Lvant ta' l-Asja se jkunu ko-finanzjati mill-Komunità sa ammont totali ta' € 30 miljun, ara l-anness I.

8 Dan il-programm tax-xogħol se jippermetti lill-Komunità li tagħti fondi b'mod konġunt kemm lill-Afrika ta' Fuq u lill-Afrika 'l isfel mis-Saħara lil-Lvant Nofsani, lil-Lvant ta' l-Ewropa, lill-Asja Ċentrali, lill-Balkani, lit-Turkija, liċ-Ċina, lill-Amerika Latina, lill-gżejjer tal-Karibew sa € 45 miljun; ara l-anness II.

## 3. IL-PROGRAMM TEMATIKU FUTUR

### 3.1. L-oġġettiv ġenerali u l-ambitu

F'kontinwità mal-programm AENEAS, l-oġġettiv ġenerali tal-programm tematiku fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-kenn politiku huwa li jġib assistenza speċifika u komplementari lill-pajjiżi terzi sabiex jappoġġjahom fl-isforzi tagħhom biex jiżguraw ġestjoni aħjar tal-flussi migratorji fid-dimensjonijiet kollha tagħhom.

Il-kontribut mill-programm tematiku mhux maħsub sabiex jieħu post l-inteventi programmati fl-istess oqsma u li huma ffinanzjati mill-istrumenti ġeografiċi: il-finanzjament ta' l-attivitajiet li huma relatati mal-migrazzjoni fuq livell ta' pajjiż jew ta' reġjun għandhom ikomplu jkunu kkunsidrati primarjament fil-kuntest ta' l-istrumenti ġeografiċi. Ladarba, fil-prinċipju, il-proġetti li huma ffinanzjati mill-programm tematiku se jkunu limitati fid-daqs[9], il-programm tematiku huwa xieraq sabiex jikkomplementa l-interventi mill-istrumenti ġeografiċi, jew jipproponi inizjattivi ġodda, possibilment fuq bażi pilota, filwaqt li jitqies il-metodu strateġiku ddefinit mill-Komunità fejn għandhom x'jaqsmu l-pajjiżi u r-reġjuni terzi kkonċernati.

Se jkun ukoll ippreferut meta joffri għodda aktar effettiva jew effiċjenti lill-Komunità sabiex jinkisbu r-riżultati mistennija, u prinċiplament f'dawn il-każi li ġejjin:

- biex jiġu indirizzati inizjattivi globali jew multireġjonali;
- biex jitħeġġu inizjattivi ta' kooperazzjoni fejn is-sħab tal-pajjiżi ta' l-oriġini, tat-tranżitu u tad-destinzzjoni se jiżviluppaw u jaqsmu l-esperjenza u l-metodi tax-xogħol dwar l-aspetti differenti tal-migrazzjoni;
- biex tingħata espressjoni konkreta, fil-kuntest tar-relazzjonijiet esterni Komunitarji, lill-prijoritajiet speċifiċi tal-politika Komunitarja, lill-obbligi jew lill-impenji internazzjonali;
- biex jinbdew azzjonijiet preliminari, meta u jekk ikun meħtieġ, f'pajjiżi u f'reġjuni fejn il-migrazzjoni u/jew il-kenn politiku qed isiru kwistjonijiet ta' prijorità imma fejn ma jeżisti l-ebda Dokument ta' Strateġija jew Programm Indikattiv jew fejn dan ta' l-aħħar ma jipprevedix il-possibbiltà ta' interventi f'dak il-qasam minħabba li l-migrazzjoni u/jew il-kenn politiku ma kinux prijoritajiet fiż-żmien li kien approvat il-Programm Indikattiv;
- biex l-azzjonijiet jingħataw fondi permezz ta' l-NGOs (l-organizzazzjonijiet mhux governattivi) u l-atturi l-oħra tas-soċjetà ċivili mingħajr il-qbil tal-gvern, f'każi fejn il-kooperazzjoni hija ristretta jew f'sitwazzjonijiet ta' sħubija diffiċli.

Fuq livell tematiku, il-programm ikkunsidrat se jkopri l-oqsma ewlenija ta' l-azzjoni li jikkorrispondu ma' l-aspetti essenzjali tal-fenomenu migratorju, b'mod partikolari l-migrazzjoni u l-iżvilupp; il-migrazzjoni ekonomika; il-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, inkluż ir-ritorn volontarju u l-integrazzjoni mill-ġdid tal-migranti; u l-ħarsien internazzjonali. Fih innifsu, il-programm mhux se jiffinanzja operazzjonijiet

[9] Bħalissa, kwalunkwe għotja li tingħata permezz ta' sejħa għall-proposti taħt il-programm AENEAS taqa' bejn minimu ta' € 500 000 u massimu ta' € 2 000 000; u l-għotja ma tistax taqbeż it-80% u ma tistax tkun inqas minn 50% ta' l-ispejjeż totali eliġibbli ta' l-azzjoni.

magħmula direttament biex jindirizzaw il-kawżi mill-għeruq tal-migrazzjoni (il-kunflitti, il-faqar, il-gvern ħażin, eċċ.). Tabilħaqq, dan għandu x'jaqsam mal-programmi ta' kooperazzjoni akbar li bħalissa huma ffinanzjati taħt l-istrumenti ġeografiċi u fil-futur, taħt l-Istrument tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (l-IPEV) u l-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u l-Istrument għall-Kooperazzjoni Ekonomika (l-KIIKE), li huma adattati aktar għal dan il-għan. Madanakollu, l-azzjonijiet li huma ffinanzjati fuq il-bażi tal-programm se jkunu konsistenti ma' l-isforzi Komunitarji sabiex ikunu indirizzati l-kawżi mill-għeruq tal-migrazzjoni.

L-ambitu limitat u n-natura speċifika u teknika ta' dan il-programm tematiku jagħmluh partikolarment adattat biex jibni l-kapaċitajiet, notevolment ukoll it-taħriġ ta' l-istaff. Jekk tista' tiġi kkunsidrata l-provvista ta' tagħmir li huwa relatat ma' l-attivitajiet li jitwettqu taħt dan il-programm, dan, madankollu, m'għandux fih innifsu jikkostitwixxi l-essenza ta' l-intervent.

Minn lat ġeografiku, l-ebda limitazzjoni m'għandha tkun iddefinita *a priori,* ladarba l-pajjiżi terzi fil-qrib u li qed jiżviluppaw u huma koperti mill-IPEV u l-KIIKE huma kollha eliġibbli[10]. Minkejja dan, is-suġġett tal-programm tematiku huwa primarjament, għalkemm mhux esklużivament, il-migrazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea (Nofsinhar/Tramuntana u Lvant/Punent). F'dan il-każ, l-ewwel li għandhom jitqiesu huma r-reġjuni ta' l-emigrazzjoni u tat-tranżitu lejn l-Unjoni Ewropea filwaqt li għandha tingħata attenzjoni xierqa wkoll lill-inizjattivi reġjonali u interreġjonali relatati mal-migrazzjoni li qegħdin ifiġġu, kif ukoll lill-flussi tal-migrazzjoni l-aktar rilevanti Nofsinhar/Nofsinhar.

Fl-aħħarnett, il-programm tematiku għandu jipprovdi wkoll l-opportunità biex ikunu ffinanzjati azzjonijiet innovattivi, magħżula fuq il-bażi tal-kwalitajiet intrinsiċi tagħhom u jkun xi jkun ir-reġjun ġeografiku li jkun suġġett għall-ambitu ddefinit aktar 'il fuq fejn se jkunu implimentati.

Ir-rispett tal-prinċipji demokratiċi u ta' l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u tal-minoranzi u l-libertajiet fundamentali, kif ukoll tal-ftehimiet internazzjonali rilevanti jikkostitwixxi element essenzjali li għandu jitqies fl-implimentazzjoni tal-programm tematiku. Sa fejn huwa possibbli, l-azzjonijiet li huma ffinanzjati taħt il-programm tematiku għandhom ikunu assoċjati ma' miżuri li għandhom l-għan li jsaħħu d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-istandards tax-xogħol ewlenin u x-xogħol diċenti, u l-istat tad-dritt. Il-miżura tal-progress fil-promozzjoni ta' dawn il-valuri fundamentali hija element ewlieni ta' l-istima tal-ħtiġijiet u tar-rendiment qabel kull finanzjament ieħor ta' l-azzjonijiet identifikati. Dan il-metodu għandu jrawwem is-sjieda tal-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-migrazzjoni u l-kenn politiku tal-pajjiżi terzi.

## 3.2. Il-linji ta' gwida strateġiċi

Fuq il-bażi ta' l-oġġettiv u ta' l-ambitu deskritti aktar 'il fuq, il-programm tematiku għandu jkopri l-istess orjentazzjonijiet bħall-Programm AENEAS, għalkemm b'aġġustamenti li jsiru neċessarji minħabba l-iżviluppi fil-politika sa mill-2004. Fost dawn l-iżviluppi fil-politika, dawk li jirreferu għall-migrazzjoni u għall-iżvilupp u għall-migrazzjoni ekonomika legali probabbilment huma maħsuba biex jeżerċitaw effetti aktar innovattivi. Dan jimxi b'mod parallel mal-fatt li sa ftit ilu d-dimensjoni esterna tal-politika migratorja kienet mibnija b'mod

10 F'dak li għandu x'jaqsam mal-pajjiżi qabel l-adeżjoni tagħhom inklużi l-Balkani tal-Punent, il-kooperazzjoni fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-kenn politiku se tkompli tkun iffinanzjata taħt l-Istrument għall-Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) bħala parti integrali mill-programmi nazzjonali.

prevalenti madwar l-oġġettiv ta' ġestjoni aħjar tal-flussi migratorji bl-għan li titnaqqas il-pressjoni migratorja fuq l-Unjoni. Għalkemm dan jibqa' għan validu, illum l-isfida addizzjonali tinsab fl-iżvilupp ta' politika li tagħraf il-ħtieġa għall-ħaddiema migranti li jħaddmu l-ekonomiji tagħna f'dawk is-setturi fejn l-UE qed tiffaċċja nuqqasijiet fix-xogħol u fil-ħiliet u, fl-istess ħin, li jkabbru kemm jistgħu l-benefiċċji kkawżati mill-migrazzjoni, kemm għall-migranti kif ukoll għall-pajjiżi ta' l-oriġini tagħhom. Dan jissupponi metodu li jmur lil hinn mill-kwistjonijiet ta' kontroll tal-fruntieri u tal-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, biex jinkorpora dimensjonijiet oħra tal-fenomenu migratorju, b'mod partikolari l-iżvilupp u l-impjiegi.

Dan jimplika li l-programm tematiku tal-futur għandu jkollu dawn il-ħames linji ta' żvilupp li ġejjin:

– It-trawwim tar-rabtiet bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp;

– L-inkoraġġiment ta' ġestjoni tajba tal-migrazzjoni tax-xogħol;

– Il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-tħaffif ta' l-ammissjoni mill-ġdid ta' l-immigranti illegali;

– Il-ħarsien tal-migranti mill-isfruttament u mill-esklużjoni;

– L-inkoraġġiment tal-kenn politiku u tal-ħarsien internazzjonali, inklużi permezz ta' programmi tal-ħarsien reġjonali.

*3.2.1. It-trawwim tar-rabtiet bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp*

Il-migrazzjoni hija parti intrinsika ta' l-iżvilupp u llum wieħed ġeneralment jammetti li huwa meħtieġ li jkun hemm ċaqliq minn metodu ta' "aktar żvilupp għal inqas migrazzjoni" għal wieħed fejn hemm "ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni għal aktar żvilupp"[11]. F'Diċembru 2002, il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni[12] dwar l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet li huma relatati mal-migrazzjoni fir-relazzjonijiet esterni ta' l-UE li kienet tinkludi komponent ta' "migrazzjoni u żvilupp". Filwaqt li għarfet li l-prijorità fit-tul tal-Komunità hija li jkunu indirizzati l-kawżi mill-għeruq tal-migrazzjoni, stiednet lill-Unjoni sabiex tagħti aktar attenzjoni għal ċerti aspetti speċifiċi tar-rabta bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp. Il-Kunsill appoġġa b'mod formali dan il-metodu u stieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppah aktar[13]. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ħarġet Komunikazzjoni oħra f'Settembru 2005[14] fejn identifikat uħud mill-orjentazzjonijiet konkreti li huwa probabbli li jkollhom impatt pożittiv fuq ir-rabta bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp. Il-programm tematiku għandu jappoġġa l-implimentazzjoni tal-miżuri identifikati f'din l-okkażjoni, li jinkludu, b'mod partikolari:

– Li titħeġġeġ il-kontribuzzjoni tat-tixrid ta' popli f'pajjiżi oħra għall-iżvilupp soċjo-ekonomiku tal-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom u li jiżdied il-valur tar-ritorn tal-migranti;

---

[11] It-titlu ta' seminar organizzat fl-2005 miċ-Ċentru Internazzjonali għall-Iżvilupp tal-Politika ta' l-Emigrazzjoni (ICMPD).

[12] COM (2002) 703

[13] Dwar dan is-suġġett ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2003 dwar l-emigrazzjoni u l-iżvilupp.

[14] COM (2005) 390

– Li jitnaqqas it-telf ta' l-aħjar imħuħ u titħeġġeġ iċ-ċirkolazzjoni ta' l-imħuħ, inklużi permezz ta' forom adegwati ta' migrazzjoni temporanja;

– Jiġu ffaċilitati t-trasferimenti finanzjarji tal-ħaddiema migranti (it-trasferiment tal-flus) lejn il-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom, b'mod partikolari billi titnaqqas l-ispiża ta' dawn it-trasferimenti u jitħeġġeġ l-użu tagħhom għall-għan ta' żvilupp;

– Jingħata appoġġ lir-ritorn volontarju u lill-integrazzjoni professjonali u soċjo-ekonomika mill-ġdid tal-migranti fil-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom, fost l-oħrajn permezz ta' għajnuna b'politika pubblika relatata u skemi ta' sigurtà soċjali relatati;

– Jinbnew il-kapaċitajiet għal ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni.

*3.2.2. Il-promozzjoni ta' ġestjoni tajba tal-migrazzjoni tax-xogħol*

Fl-2003, fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-immigrazzjoni, l-integrazzjoni u l-impjiegi[15], u f'konformità ma' l-aġenda ta' Liżbona, il-Kummissjoni wriet il-ħtieġa li jkollha metodu proattiv fejn għandha x'taqsam l-immigrazzjoni legali minħabba x-xogħol. Metodu bħal dan huwa meħtieġ sabiex l-Unjoni tiffaċċja l-isfidi demografiċi, soċjali u ekonomiċi li qed taffronta dejjem aktar u b'mod aktar akut. L-immigrazzjoni mhijiex l-uniku mezz sabiex wieħed ilaħħaq ma' dawn l-isfidi imma, għall-inqas għal perjodu ta' żmien qasir u medju, tista' tikkontribwixxi sabiex tnaqqas il-konsegwenzi tagħhom filwaqt li tgħin sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet tas-swieq tax-xogħol ta' l-Unjoni Ewropea.

Fil-bidu ta' l-2005, il-Kummissjoni ħarġet *Green Paper* dwar il-metodu tal-Komunità għall-ġestjoni tal-migrazzjoni ekonomika[16], li kellha l-għan li tidentifika l-isfidi ewlenija u l-għażliet possibbli sabiex jitwaqqaf qafas leġiżlattiv Komunitarju għall-migrazzjoni ekonomika. Ir-riżultati tad-dibattitu pubbliku dwar din il-*Green Paper* iddaħħlu fil-Pjan tal-Politika dwar il-migrazzjoni legali li ġie adottat mill-Kummissjoni fil-21 ta' Diċembru 2005.[17]F'dan il-Pjan tal-Politika, li fih *roadmap* għal firxa sħiħa ta' miżuri leġiżlattivi u ta' miżuri li mhumiex leġiżlattivi, il-Kummissjoni tenfasizza li l-ġestjoni tal-migrazzjoni ekonomika teħtieġ mhux biss politika ta' ammissjoni ċara u armonizzata, imma wkoll djalogu u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi sabiex tittejjeb b'mod konġunt il-ġestjoni tal-migrazzjoni tax-xogħol internazzjonali. F'dan il-każ, ir-relazzjonijiet esterni u l-politika ta' kooperazzjoni għandhom rwol, mingħajr preġudizzju għall-principju tal-preferenza Komunitarja, billi huwa ċar li jrid isir użu sħiħ mir-riżorsi ta' ħidma disponibbli fi ħdan l-UE. B'referenza għal dan, il-programm tematiku jista' jgħin sabiex:

– Ixerred l-informażżjoni dwar il-qafas legali għall-migrazzjoni u l-kondizzjonijiet biex wieħed jidħol u jibqa' fit-territorju ta' l-Unjoni;

– Ixerred l-informazzjoni dwar l-opportunitajiet u l-ħtiġijiet tal-migrazzjoni għax-xogħol fil-Pajjiżi Membri u dwar kwalifiki ta' kandidati mill-pajjiżi terzi għall-migrazzjoni; appoġġ għat-taħriġ ta' qabel it-tluq lill-kandidati għall-migrazzjoni legali lejn l-Unjoni Ewropea inkluża informazzjoni dwar l-integrazzjoni fl-Istati Membri u d-drittijiet u l-obbligi tal-migranti.

15 COM (2003) 336
16 COM (2004) 811
17 COM (2005) 669

– Jinkoraġġixxi d-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' oqfsa leġiżlattivi għall-ħaddiema migranti fil-pajjiżi terzi.

Filwaqt li jitqiesu l-Komunikazzjonijiet reċenti dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp u dwar l-Istrateġija għall-Azzjoni ta' l-UE/KE dwar il-Kriżi fir-Riżorsi Umani għas-Saħħa fil-Pajjiżi li Qed Jiżviluppaw[18], l-orjentazzjonijiet proposti fit-tieni u t-tielet linja indentati ta' din is-sezzjoni għandhom ikunu implimentati filwaqt li titqies b'mod sħiħ il-ħtieġa li jkun evitat li "jintilfu l-aħjar imħuħ". Għaldaqstant, għandha tingħata attenzjoni lill-ħtiġijiet strutturali jew temporanji ddikjarati f'ċerti setturi/xogħlijiet/reġjuni fili-pajjiżi terzi aggravati mit-"telf ta' l-aħjar imħuħ". Jeħtieġ ukoll metodu komprensiv u koerenti għar-reklutaġġ etiku tal-ħaddiema.

